MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008

Appell Kriminali Numru. 405/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**David Borg**
***-- omissis --***

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra David Borg[1] iben George u Rita xebba Saliba, imwieled tas-Sliema fil-11 ta' Ottubru 1965, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 488865(M) talli (**1**) fil-granet qabel it-30 ta' Mejju 2006 gewwa Numru 6, Pamaco, Triq J Howard, San Pawl Tat-Targa, waqqa' jew ipprova jwaqqa', qata' jew ipprova jaqta', nehha jew ipprova jnehhi il-qoxra tas-sigra jew partijiet taghha, nehha jew ipprova jnehhi l-weraq tas-sigra, qala' jew ipprova jaqla' l-gheruq, nehha jew ipprova jnehhi l-injam, wahhal jew ipprova

---
[1] L-akkuzi originarjament hargu kontra David Borg u Francis Zammit. Zammit gie lliberat mill-imputazzjonijiet kollha.

jwahhal xi haga ma', jew bi kwalunkwe mod qered jew ipprova jeqred, ghamel hsara jew ipprova jaghmel hsara, lil xi sigra jew xi partijiet taghha li hija elenkata fl-iskedi I, II, u III u ta' xi sigra jew partijiet taghha li tinsab fl-inhawi elenkati fl-iskeda IV ta' l-A.L. 12/2001, hlief ghal ragunijiet ta' maniggar jew ta' intervent kirurgiku mwettqa minn Dipartimenti tal-Gvern kompetenti jew minn persuni minnhom awtorizzati; kif ukoll (**2**) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ha parti f'azzjoni jew ipprova jiehu parti f'azzjoni, jew agixxa b'tali mod li, fil-fehma tad-Direttur jista' jkun ta' hsara ghall-identita` biologika u dan bi ksur ta' A.L. 12 ta' 2001, Reg 2;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Novembru, 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat David Borg hati skond l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu multa ta' erba' mitt lira (Lm400) (illum Ewro 931.74), izda lliberatu mit-tieni imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' David Borg, minnu prezentat fl-14 ta' Novembru 2007, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi hu jigi lliberat anke mill-ewwel imputazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Il-fatti, kif jirrizultaw mill-provi, huma brevement is-segwenti: missier l-appellant – George Borg – applika mal-MEPA u kiseb "full development permission" biex jaghmel xi zvilupp fil-fond indikat fl-imputazzjoni. Huwa halla f'idejn ibnu, cioe` l-appellant, biex jiehu hsieb dana x-xoghol. L-appellant qabbad kuntrattur biex jispjana parti mill-art in kwistjoni, u biex jaghmel hekk kif qallu l-appellant, il-kuntrattur kellu bilfors iqaccat tlett sigar tac-cipress u wahda tal-iznuber – ilkoll, dawn, sigar protetti bil-ligi u li ma jistghux jintmessu minghajr il-permess ta' l-awtorita` kompetenti.

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu li ma kienx hu li materjalment qaccat is-sigar protetti. Dan hu minnu, izda l-appellant kien certament komplici fis-sens ta' l-Artikolu

42(a) tal-Kodici Kriminali ghax kien hu li ta l-ordni lill-kuntrattur biex jispjana l-art b'mod li neccessarjament itajjar is-sigar in kwistjoni. Il-fatt li l-kuntrattur gie lliberat huwa irrelavanti – ara l-Artikolu 46 ta' l-imsemmi Kodici. Aggravju iehor hu fis-sens li hu minghalih li kellu l-permess mehtieg biex inehhi dawn is-sigar, u dan peress li fil-permess tal-MEPA ma kien hemm ebda referenza ghas-sigar jew x'irid isir minnhom. Fi kliem iehor l-appellant qed jikkampa d-difiza ta' "mistake of fact". Dan l-aggravju wkoll huwa infondat. Il-permess tal-MEPA fl-ahhar paragrafu tieghu kien jghid car u tond li *"The applicant is not excused from obtaining any other permission required by law"*. Ghalhekk dana mhux kaz ta' "mistake of fact" izda ta' "mistake of law" – l-appellant ma kienx jaf li huwa kellu bzonn permess specjali biex iqaccat certu tip ta' sigar – u kif inhu risaput tali zball ma jezonerax mir-responsabbilta` penali.

Ghall-motivi premessi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------